MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 136/2002

**Raymond u Jane konjugi Muscat**

**vs**

**Joseph Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi fis-sebgha (7) ta’ Awissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) waqt li l-attrici kienet qed issuq vettura tal-marka Land Rover bin-numru ta’ registrazzjoni RJS-002 fi Triq Santa Dminka, Victoria, Ghawdex, hija kienet involuta f’incident stradali ma’ vettura tal-marka Datsun bin-numru ta’ registrazzjoni DAU-281 misjuq mill-konvenut.

Illi dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tlett centezmi (Lm322.03) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts, xoghol u spray u kiri ta’ vettura.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi, l-konvenut naqas li jersaq ghal likwidazjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi konsegwenza ta’ tali incident.

Illi l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tikkundana lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali spedita f’Novembru 2002 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz.”

Ra r-risposta:

“Dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjent.”

Sema’ x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti kollha tal-process; u

**Ra l-verbal tas-6 ta’ Marzu 2003 fejn il-konvenut kif assistit jiddikjara illi huwa qed jikkontesta biss ir-responsabbilta’ u mhux il-quantum tad-danni, salv li tigi prodotta l-invoice relattiva ghall-parts in kwistjoni;**

Ikkunsidra;

Illi huwa ormaj pacifiku in materja ta’ incidenti awtomobilistici illi wiehed ghandu jezamina x’kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni. Imbaghad, biex tigi accertata din il-kawza prossima jehtieg li wiehed jara x’kienet ir-rejazzjoni antecedenti tas-sewwieqa involuti fl-incident.

Illi l-provi dwar ir-responsabilita’ jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tas-sewwieqa involuti in kwistjoni u tal-Ufficjal tal-Pulizija illi investigat il-kaz.

Illi dawn ix-xhieda jaqblu ilkoll dwar il-manuvri respettivi li jghamlu z-zewg sewwieqa u dwar kif grat il-kollizzjoni: il-konvenut kien qieghed jirriversja, filwaqt illi l-attrici li kienet gejja mid-direzzjoni tal-Munxar u sejra lejn Triq Sir Arturo Mercieca rat xarabank iddur quddiemha u billi kien hemm anke vettura pparkjata fuq in-naha tal-lemin tat-triq, rekknet il-karozza taghha min-naha ta’ quddiem fl-ispazju li kien hemm bejn il-vettura tal-konvenut u vettura ohra pparkjata warajha. Il-konvenut ma ndunax bil-karozza tal-attrici u konsegwentement baqa’ jirriversja sakemm habat maghha.

Illi pero’ ghad-determinazzjoni tar-responsabilita’ ghall-incident mertu ta’ din il-kawza, huwa partikolarment importanti li tigi stabbilita s-segwenza tal-istess manuvri. L-attrici tghid li hija waqfet u gibdet ghall-gemb kif fuq inghad hekk kif rat ix-xarabank iddur il-kantuniera. L-iskizz (fol 18) ma jurix id-distanza bejn fejn sehh l-incident u l-kantuniera imnejn daret ix-xarabank, izda dan it-Tribunal li huwa familjari mal-post jista’ jghid li biex xarabank kbir idur f’dik il-lokalita’, b’karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq kif jidher fl-iskizz (fol 18) u bit-triq dejqa kif inhi, zgur li jridu jghaddu ftit sekondi mhux hazin. Sinifikanti li l-attrici tghid li hasset id-daqqa hekk kif ix-xarabank kien lahaq ghamel il-manuvra tad-dawrien u gie magemb il-karozza taghha, tant li hasbet li kien proprju x-xarabank li habat maghha. Tghid ukoll ripetutament u konsistentement kull meta giet mistoqsija li meta hasset il-habta *kien ilni ftit wieqfa (*fol 24, u fol 26, 27,29). Ghalhekk jirrizulta fuq bilanc ta’ probabilita’ li l-konvenut beda jirriversja wara li l-attrici kienet diga’ lahqet waqqfet il-karozza taghha.

Jirrizulta min-naha l-ohra li l-konvenut ma ndunax bl-attrici; dan skond kif ammetta maghha ezatt wara l-habta: *hu qalli li ma ndunax (fol 25)* u anke kif jammetti ukoll fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal: *jien rajtha x’hin sibtha go fija.(fol 40) …. Da zgur li ma rajthiex.* Filwaqt li

fuq domanda tat-Tribunal huwa qal li kien qieghed ihares mill-mera tan-nofs li ghandu fil-gabina tat-trakk tieghu huwa u jirriversja, qal ukoll in kontro-ezami li *ma haristx fil-gemb ghax inti ma tippretendix li inti qed terga' lura u m'ghandhekx vojt u ssib lil xi hadd go fik.(fol 42).* In kontro-ezami x-xhud ikompli jghid li fl-ebda hin ma ra lill-attrici, la gol-mera, la gejja minn x'imkien, xejn. Sinifikanti wkoll illi dan ix-xhud, li huwa anzjan, fid-deposizzjoni tieghu nesa' li dak il-hin ghadda xarabank ghalkemm lis-surgent li hadet ir-rapport semmielha li l-attrici trekknet warajh minhabba li ghaddiet xarabank (fol 20).

Fl-ahharnett sinifikanti wkoll li l-mera tax-xellug tal-vettura tal-attrici ingibdet 'il quddiem, li jfisser li kien il-konvenut li dahal fl-attrici, u mhux vici versa.

*Ikkunsidra*

*Illi* meta l-konvenut jiddikjara illi huwa ma kienx ra lill-vettura l-ohra qabel ma habat maghha, jimplika bilfors illi l-konvenut naqas mill-obbligu tieghu illi jzomm ' a proper look out'. Ic-Charlesworth & Percy , "On Negligence", para 9-129 u 9-220, jitkellem car dwar l-obbligi tas-sewwieq li jaghmel il-manuvra ta' reversing:

*A motorist……….road.*

Il-Highway Code Ingliz, para 178 jghid hekk:

Look carefully before you start reversing. You should

- Use all your mirrors
- Check the 'blind spot' behind you (the part of the road you cannot see easily in the mirrors)
- Check that there are no pedestrians, particularly children, cyclists or obstructions in the road behind you
- Get someone to guide you if you cannot see clearly.

Il- Kodici ghat-Traffiku Fit-Triq, Settembru 2001 jghid hekk:

*Qabel tregga' lura, kun zgur li ma jkunx hemm xi tfal jew nies jew ostakli ohra warajk. (para 200)….jekk ma tkunx tista' tara minn naha ta' wara, fittex l-ghajnuna meta tkun qed tregga' lura (para 202).* U skond Avviz Legali Numru 128 tal-1994 u cioe' r-regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (l-MVR), para 81, *kull min isuq vettura bil-mutur… ghandu jiehu dawk il-prekawzjonijiet li huma mehtiega biex jiskansa hbit u accidenti ma' nies jew vetturi ohra fit-triq.*

Illi kif gustament osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell ippreseduta mill-Onor Imhallef Philip Sciberras in re *Gasan Life Assurance Agency vs Francesco Falzon – 16 ta' Dicembru 2002: Aktar mir-regolamenti huma l-prudenza u l-bon sens li ghandhom jirregolaw is-sewqan. Ghalhekk ma tistax tigi abbraccjata l-osservazzjoni l-ohra tal-konvenut illi una volta li ghamel il-verifiki tieghu qabel beda jindetreggja "ma setax jobsor min ser ifigg fit-triq u kif dan ser igib ruhu". It-toroq qeghdin hemm biex minnhom jaghmlu uzu l-utenti u r-raguni kellha tiddettalu joqghod gwarding il-hin kollu mill-mument li jibda l-manuvra tieghu ta' indetreggjar sakemm jikkompletaha.*

Konsegwentement wara li kkonsidra r-rizultanzi ta' fatt, ben precizati mill-atturi, oltre r-regolamenti, it-Tribunal hu tal-fehma li l-fattur determinanti tal-kollizzjoni 'de quo' kien l-ghemil inkonsult tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fl-avviz billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM322.03 ammont ta' danni subiti mill-atturi kawza tal-incident mertu ta' din il-kawza bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Novembru 2002 u tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------